**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 10**
**Rik. Gur. Nru. 23/20 JZM**

**Michele Peresso Limited [C 6469]**

***kontra***

**John Sammut [197348M]**

***u***

**Mark Sammut [335454M]**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fl-20 ta` Lulju 2020 u li jaqra hekk :–

*1. Premess illi l-intimati John Sammut u Mark Sammut huma l-unici azzjonisti u diretturi fis-socjeta` De Tigne Ltd [C 14859];*

*2. U billi s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata, u dana wara li giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta` De Tigne Limited fl-ammont ta` €211,978.80 bl-imghax sad-data ta` pagament effettiv u bl-ispejjez permezz ta` sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet Michele Peresso Limited vs De Tigne Limited ed deciza finalment fit-18 ta` Novembru 2019;*

*3. U billi s-socjeta` rikorrenti pprocediet b`atti ezekuttivi kontra s-socjeta` De Tigne Limited sabiex tigbor il-kreditu taghha inutilment (inkluz mandat ta` sekwestru tat-8 ta` Jannar 2020 numru 27/20) u ghalhekk qieghda tipprocedi ghall-istralc tal-istess socjetà De Tigne Limited;*

*4. U billi mir-ricerki li saru jidher li s-socjeta` De Tigne Limited tpoggiet fi stat t`insolvenza mid-diretturi taghha, l-intimati John Sammut u Mark Sammut proprju sabiex jaharbu mill-obbligi li r-rikorrenti tithallas u dan kif ser jintwera tul it-trattazzjoni ta` dina l-kawza, liema proceduri gew presentati kontestwalment;*

*5. U billi f`dan l-istadju s-socjeta` rikorrenti xtaqet tindika biss is-segwenti :*

*6. Illi wara l-lodo arbitrali moghti mit-Tribunal tal-Arbitragg datat 22 ta` Jannar 2014 fil-proceduri numru 2492/2010, gie konfermat li s-socjeta` De Tigne Limited kienet responsabbli ghad-danni lejn is-socjeta` rikorrenti u giet ikkundanata thallas :*

*"is-somma ta` 200,328.80 bl-imghax min dakinhar bhala nuqqas tal-kera fuq il-fond De Tigne Shopping Complex, kif ukoll €11,650 danni dovuti lilha skont klawzola 2.2 tal-kuntratt ta` lokazzjoni u bl-imghax mit-22 ta` Lulju 2010."*

*Kopja tal-Lodo Arbitrali huwa hawn anness bhala dokument A;*

*7. Filwaqt li s-socjeta` De Tigne Limited appellat minn din is-sentenza, l-intimati John u Mark Sammut hargu l-flus kollha li kien hemm fil-*

*kumpanija, u dan kif jirrizulta mill-Annual Report and Accounts relattivi ghas-sena 2014 li gew registrati fl-MFSA fit-13 ta` Gunju 2017, minn fejn jidher li l-intimati Sammut hargu mill-kumpanija iktar minn miljun Euro (allegatament ghal rimbors ta` shareholders loans). Kopja ta` dan id-dokument huwa hawn anness bhala dokument B;*

*8. U billi jirrizulta mill-istess Annual Report and Accounts (u cioe Note 1 pagna 10.) li l-Awdituri tal-istess socjeta` De Tigne Limited hassew li l-kumpanija ma kenitx insolventi u setghet baqghet topera biss minhabba self dirett tad-diretturi :*

*"These financial statements have been prepared on a going concern basis, on the basis of undertakings given by the company`s shareholders to continue to provide financial support to the company in the foreseeable future"*

*9. U billi min harsa tal-Annual Report and Accounts kif sottomessi mill-intimati ghan-nom tas-socjeta` intimata, jirrizulta illi l-intimati minkejja li kienu jafu b`dawk il-proceduri ma ghamlu l-ebda riservi ta flus kontanti sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti :*

*note 15 : ... No amount has been provided for in these financial statements in respect of the claim in view that the outcome is still uncertain;*

*Din id-dikjarazzjoni saret minkejja li gja kien hemm sentenza tal-Prim` Istanza li kienet likwidat id-dannu u d-dejn dovut mis-socjeta` De Tigne Limited, u d-diretturi intimati kienu ben konxji ta` dan.*

*10. U billi jirrizulta ghalhekk li s-socjeta` De Tigne Ltd ghamlet dan iz-zmien kollhu topera bi djun kbar u dan minghajr ma kien l-ebda prospett illi din il-kumpannija xi darba tista topera bi qligh;*

*11. U billi ghalhekk ghandu jirrizulta li d-diretturi, wkoll azzjonisti, fis-socjeta` De Tigne Ltd tellghu djunu kbar, ma ghamlu assolutament xejn sabiex jippruvaw isalvaw il-kumpannija jew jimminimizzaw il-pregudizzju lill-istess kredituri meta kienu jafu jew misshom kienu jafu illi ma kienx hemm prospett xiera li l-kumpannija setghat tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha, u minflok appropjaw l-assi kollha li kellha ghalihom.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, is-socjeta` rikorrenti titlob bir-*

*rispett lil dina l-Onorabbli Qorti, salv dawk il-provvedimenti u dikjarazzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni, joghgobha :*

*1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom mexxew in-negozju tal-kumpannija De Tigne Limited bil-hsieb ta` frodi tal-kredituri tal-kumpannija u bil-ghan ta` frodi.*

*2. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimati solidalment bejniethom, jew min minnhom, ikunu responsabbli personalment u solidalment ghad-dejn dovut mill-kumpannija De Tigne Limited lill-atturi kif hawn fuq premess u occorrendo billi tillikwida l-ammonti hekk dovuti lill-rikorrenti.*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex solidalment ihallsu d-dejn dovut mill-kumpannija De Tigne Limited lill-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju ntavolat kontestwalment, kontra l-intimati, li huma lkoll minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw iz-zewg konvenuti fit-3 ta` Settembru 2020 li taqra hekk :-

*1. Preliminarjament tigi eccepita l-inproponibilita` u l-irritwalita` tal-azzjoni promossa permezz tar-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti attrici tenut kont dak dispost u stipulat fl-Artikolu 315 tal-Att dwar il-Kumpaniji – Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u senjatament li azzjoni sabiex tigi dikjarata u deciza responsabilita ta` partijiet fit-tmexxija tan-negozju ghal kummerc bi frodi, tista` tigi promossa "waqt l-istralc ta` kumpanija". Il-kumpanija oggett u mertu tal-kawza odjerna De Tigne Limited ma tinsabx fi stat jew f`fazi ta` stralc.*

*2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit :*

*2.1. li ma huwiex minnu li l-intimati, diretturi tas-socjeta` De Tigne Limited xjentement u bil-hsieb ta` frodi ta` kredituri poggew lill-imsemmija socjeta` fi stat ta` insolvenza sabiex jaharbu minn xi obbligi versu s-socjeta` rikorrenti attrici; u*

*2.2. li l-obbligu ghall-hlas tad-danni lis-socjeta` rikorrenti mis-socjeta` De Tigne Limited sar obbligu definittiv u esegwibbli fit-18 ta` Novembru, 2019 meta l-appell mill-lodo arbitrali tat-22 ta` Jannar, 2014 gie deciz; u*

*2.3 hija zbaljata u infondata l-allegazzjoni li l-intimati hargu l-flus kollha li kien hemm fis-socjeta` De Tigne Limited u dan kif se jigi ippruvat fil-kors tas-smigh tal-kawza. Huwa evidenti u car minn qari tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-socjeta` De Tigne Limited li ma kien hemm ebda hrug ta` fondi socjetarji favur l-intimati u ghalhekk is-socjeta` rikorrenti qeghda taqra u tinterpreta d-dikjarazzjonjiet finanzjarji li ghalihom ghamlet riferenza specifika fir-rikors gurament taghha b`mod assolutament zbaljat; u*

*2.4. hija zbaljata l-interpretazzjoni li s-socjeta` rikorrenti qeghda taghti lin-Nota bin-numru wiehed (1) f`pagna ghaxra (10) tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji fejn jigi dikjarat li l-imsemmija dikjarazzjonijiet finanzjarji gew ippreparti fuq bazi ta` kontinwita azjendali (going concern basis) tenut kont l-impenn tal-azzjonisti li jkomplu jaghtu sostenn finanzjarji lis-socjeta` De Tigne Limited fil-futur prevedibbli; u*

*2.5 hija zbaljata wkoll l-interpretazzjoni li s-socjeta` rikorrenti qeghda taghti lin-Nota nin-numru hmistax (15) f`pagna dsatax (19) tad-dikjarazzjinjiet finanzjarji dwar in-nuqqas ta` akkantonament ghall-passivita potenzjali specjalment u tenut kont il-fatt li tali akkantonament ma kienx legalment mehtieg, u dan aktar u aktar f`cirkostazni fejn il-kwistjoni tar-responsabilita` ghall-hlas ma kinitx ghadha finalment deciza; u*

*2.6 il-fatt li s-socjeta` De Tigne Limited baqghet topera waqt li kienet insolventi ma jikkosistitwix u ma jirrapprezentax kummerc bi frodi. Fl-ebda mument tul il-kors ta` dawn l-ahhar snin l-intimati ma amministraw u operaw is-socjeta` De Tigne Limited bi hsieb li jiffrodaw il-kredituri jew ghal xi skop frawdolenti u wisq aktar ma hadu xi mizuri dizonesti sabiex jezercitaw kummerc frawdolenti.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi fl-udjenza tal-kawza tas-16 ta` Novembru 2020 il-partijiet inghataw direzzjoni li kellha tigi trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni preliminari qabel jitqies il-mertu.

**Rat illi fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2021 l-attrici ddikjarat illi l-kawza odjerna kienet qeghda tigi promossa abbazi tal-<u>Art 315 tal-Kap 386</u>.**

Semghet sottomissjonijiet mill-avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2021.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

**<u>Apparti</u>** kwistjonijiet ta` mertu, il-konvenuti, bl-ewwel eccezzjoni, qeghdin ighidu **<u>fis-sostanza</u>** li l-attrici hija prekluza milli tressaq l-azzjoni odjerna kif promossa, ladarba il-kumpannija in kwistjoni mhijiex xjolta u lanqas fi stat ta` stralc.

Il-konvenuti telqu mill-premessa li l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-Art 315 tal-Kap 386.

Fl-udjenza tasl-11 ta` Frar 2021 kien dikjarat min-naha tal-attrici li l-azzjoni fil-fatt kienet intavolata abbazi tal-Art 315 tal-Kap 386.

**Il-qorti sejra tirreferi ghall-<u>Art 315(1) tal-Kap 386</u> ghaliex dan**

**tal-lum huwa procediment civili, u hija d-disposizzjoni rilevanti ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.**

Kummerc bi frodi jista` jwassal **ukoll** ghal azzjoni kriminali u d-disposizzjoni rilevanti hija l-Art 315(2). Ghall-fini tal-provvediment odjern, din l-ahhar disposizzjoni m`ghandhiex rilevanza.

**L-Art 315(1**) ighid hekk :-

***Jekk waqt l-istralc ta` kumpannija*** *sew jekk b`ordni tal-qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-hsieb ta` frodi ta` kredituri tal-kumpannija jew ta` kredituri ta` xi persuna ohra jew bil-ghan ta` frodi, il-qorti tista` fuq rikors tar-ricevitur ufficjali, jew tal-istralcjarjun jew ta` xi kreditur jew ta` xi kontributorju tal-kumpannija, jekk jidhrilha xieraq li taghmel hekk, tiddikjara li xi persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, minghajr ebda limitazzjoni ta` responsabbiltà ghal kull jew ghal xi dejn jew responsabbiltajiet ohra tal-kumpannija kif il-qorti tista` tordna.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

Dwar id-disposizzjoni, **Andrew Muscat** jikteb hekk fil-Pag. 363 ta` **Principles of Maltese Company Law** (Second Edition – Volume 1 – 2019 – MUP) :-

*Although … the fraudulent trading provision appears to be rather wide in its scope, the effectiveness of the provision is unfortunately considerably weakened by the conditions that have to be satisfied for its application. One such condition is that it can* ***only*** *be invoked when the company is in the course of winding up. This is not in itself a very serious* ***impediment****, but it does mean that a creditor or contributory of the company who seeks to utilize the remedy may* ***first*** *have to institute proceedings to have the company dissolved with the delay, expense and inconvenience that such proceedings usually involve.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

L-Art 315(1) tal-Kap 386 huwa mfassal fuq l-**Art 213 tal- Insolvency Act 1986** tal-Ingilterra. Id-dottrina Ingliza hija utli ferm ghall-konsiderazzjoni tal-elementi li jsawwru d-disposizzjoni u sabiex issir analizi tal-gurisprudenza. Fl-istess waqt, ghall-**ispecifiku tal-kwistjoni** li qeghda tigi trattata llum, l-esperjenza Ingliza ghandha applikazzjoni limitata, ghaliex filwaqt li fil-ligi taghna, il-jedd li jistitwixxi l-azzjoni jispetta : a) lir-ricevitur ufficjali ; **jew** b) lill-istralcjarju ; **jew** c) lill-kreditur ; **jew** d) lill-kontributorju

tal-kumpannija, fil-kaz tal-Insolvency Act 1986, l-azzjoni tispetta **biss** lill-istralcjarju. Dan ifisser illi fil-ligi Ingliza, l-azzjoni ghal kummerc bi frodi tista` tigi promossa **biss** wara li kumpannija tkun xjolta, u l-fatti li jaghtu lok ghall-istanza jirrizultaw fil-kors tal-istralc. Il-fatt li l-mudell tal-ligi taghna kienet l-Insolvency Act 1986, u l-fatt illi z-zewg disposizzjonijiet jirreferu t-tnejn ghal *in the course of winding up of a company,* ghal din il-qorti, dan huwa bil-wisq indikattiv illi **anke** fil-hsieb tieghu l-legislatur Malti kien illi l-procediment ikun jista` jigi ntavolat **biss** wara li l-kumpannija tkun giet xjolta u l-fatt tat-tmexxija bil-hsieb ta` frodi jkun riskontrat fil-kors tal-istralc. L-uniku differenza mal-ligi Ingliza kienet illi fil-kaz taghna, il-legislatur ghazel li jaghti d-dritt tal-azzjoni mhux biss lill-istralcjarju izda lil persuni ohra wkoll.

**L-ewwel eccezzjoni hija fondata fid-dritt u ghalhekk ghandha tkun milqugha.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti. Ghalhekk tichad it-talbiet attrici, spejjez ghall-kumpannija attrici.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**